# IL-BELT VITTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

**No. 1** — *LULJU - AWISSU 1981*


## EDITORJAL

**Illum, b'wiċċna minn quddiem, qegħdin inħabbtulkom il-bieb ta' djarkom u nitolbukkom tilqgħuna. Żgur li l-ewwel mistoqsija li tberren f'moħħkom ser tkun: "Għaliex ġiet stampata din ir-Rivista?" Għandkom raġun tagħmlu din il-mistoqsija, u aħna, konvinti mix-xogħol li dħalna għalih, inħossuna fid-dmir li nweġbukom.**

**Il-Parroċċa ta' SAN ĠORĠ, hija parroċċa ħajja u attiva u l-bibien tagħhom huma miftuħa beraħ minn qabel sbiħ il-jum sa' tard bil-lejl. Fiha eluf ta' nies isibu l-kumdità kollha li jistennew f'dik li hi amministrazzjoni ta' sagramenti u affarijiet oħra bħal dawn.**

**Biss ma nistgħux inserrħu moħħna b'daqshekk. Il-komunità parrokkjali tagħna hija mifruxa mal-erbat irjieħ tar-Rabat, u ħafna huma dawk li għalkemm jiffurmaw parti mill-komunità parrokkjali tagħna jinqdew bi knejjes oħra żgħar aktar qrib lejn djarhom. Minħabba f'hekk qed jgħaddi xi żmien minn meta jkunu żaru l-Knisja tagħna.**

**B'din is-sitwazzjoni quddiem għajnejna, ħassejna l-ħtieġa ta' din ir-rivista, sabiex isservi ta' ħolqa bejn il-parroċċa tagħna u l-membri kollha tal-komunità parrokkjali, kemm dawk li joqogħdu viċin kif ukoll dawk li huma mxerrda mar-Rabat kollu. Permezz tar.rivista ser inwasslulkom dak kollu li l-parroċċa tagħna tixtieq twassal ġo djarkom, sabiex il-leħen tagħha jidwi f'widnejn il-membri kollha, kemm kbar u kemm żgħar u lkoll kemm aħna nħossuna ħaġa waħda.**

**Hu l-ħsieb tagħna li din ir-rivista Ġorġjana tkun formattiva u informattiva. Aħna nwegħdukom li nagħmlu ħilitna kollha biex kull darba li nħabbtulkom l-bieb nagħtukom materjal mill-aqwa miktub minn nies ta' l-affari tagħhom, nies li bħalna huma konvinti bl-importanza li għandha l-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria.**

**Li nistennew mingħandkom huwa biss li**

- **taċċettawna**
- **taqraw dak li nwasslulkom**
- **tgħinuna biex din il-ħolqa ġdida tikber u tissaħħaħ u torbotna dejjem iżjed flimkien.**



SAN ĠORĠ MARTRI

## WASLET IL-FESTA

Kull meta jibda riesaq ix-xahar ta' Lulju, il-qalb ta' kull Ġorġjan tibda tħabbat bil-qawwi u ġo fiha tħoss bħal ferħ u entużjażmu speċjali. U bir-raġun, għaliex fit-tielet Ħadd ta' dan ix-xahar, il-Parroċċa tagħna tiċċelebra b'sollennità kbira l-festa tal-Patrun t'Għawdex SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI.

Dan il-ferħ speċjali li jħossu jimraħ fi qlubhom il-Ġorġjani kollha f'dan iż-żmien tas-sena, jinfirex mal-gżira Għawdxija kollha u jibqa' sejjer ukoll sal-gżira l-oħra oħtna, Malta. Dan jixhduh il-mijiet ta' nies li jiġu għall-festa tagħna minn kull rokna ta' Għawdex u Malta.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex. Tel: 556377

Donnu li fil-jiem tal-festa ta' San Ġorġ kulħadd ikun irid jaqsam fil-ferħ li jħossu dak in-nhar il-Ġorġjani. Kulħadd ikun irid jieħu sehem attiv f'kull attività li ssir sew fil-Knisja kif ukoll barra. Il-Ġorġjani jafu jaċċelebrawha l-festa tal-Patrun tagħhom u għaldaqstant ma jistax ikun li f'dawn il-ġranet ma jiġbdux folol kbar lejn il-Belt Victoria.

Biss, ladarba semmejna l-ferħ u l-entużjażmu, jeħtieġ li nagħmlu daqsxejn ta' riflessjoni. Kellna bżonn li dan l-ispsirtu nżommuh ħaj matul issena kollha. Jeħtieġ li l-entużjażmu li nuru matul il-granet tal-festa tagħna, jibqa' jidher u jinħass matul il-granet l-oħra kollha tas-sena.

Jeħtieġ nifhmuha darba għal dejjem li l-imħabba lejn San Ġorġ ma tistax titfisser biss fl-erbat ijiem tal-festa f'Lulju. Irridu nagħmlu minn kollox biex din l-imħabba li nistqarru lejn il-Qaddis tagħna nuruha bil-fatti f'kull ġurnata tas-sena.

U din l-imħabba tista' tintwera biss bil-parteċipazzjoni sħiħa tagħna f'kull attività li twettaq il-Parroċċa. Ma jkunux juru li jħobbu tabilħaqq lil San Ġorġ dawk it-talin li rari tarahom jieħdu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Parroċċa. L-anqas ma jkunu juru li jħobbu tabilħaqq lil San Ġorġ dawk l-uħud li ftit li xejn iwieġbu għas-sejħat li tagħmlilhom il-Parroċċa meta din tistedinhom biex jattendu għal-laqgħat u konferenzi, biex jagħtu daqqa t'id fit-tindif u t-tiżjin tal-knisja, biex jidħlu membri fil-kor, biex igħinu fl-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal ieħor, u għal mitt appell ieħor.

Żgur li ma jkunux juru li jħobbu 'l San Ġorġ dawk kollha li ma jwiġbux kif jixraq għas-sejħat għall-għajnuna finanzjarja. Kulħadd jaf kemm il-knisja jkollha spejjeż kbar għall-manutenzjoni tagħha. Ħafna huma kapriċċjużi u, waqt li jonqfu flus kemm jifilħu u bl-addoċċ fi ħwejjeġ li bosta drabi jistgħu jgħaddu mingħajrhom, jixxaħħu u jibqgħu lura biex jagħtu dik ix-xi ħaġa ċkejkna lill-Parroċċa li, wara kollox qegħda għas-servizz spiritwali tagħhom matul is-sena kollha.

B'dan ma rridux infissru li kulħadd jaġixxi bl-istess mod. Anzi, nieħdu gost nirrimarkaw li hemm diversi individwi li jsibhom lesti li jgħinu b'kull mezz li jistgħu. U ta' dan aħna grati ħafna lejhom u ninsabu żguri li San Ġorġ ipattilhom u jħallashom għal kull kontribut li jagħtu.

Biss għad hemm ħafna u ħafna oħrajn li jistgħu u kapaċi jagħtu daqqa t'id lill-Parroċċa tagħhom. Hawn ħafna, kbar u żgħar, ġuvintur u xebbiet li l-Parroċċa tagħhom qegħda tistenna ħafna minnhom għaliex għandha fiduċja kbira u sħiħa fihom, iżda li qed jibqgħu passivi u indifferenti. U dan bl-ebda mod m'għandu jsir. Min jgħid li jħobb tabilħaqq lil San Ġorġ ma jistax jibqa' trux għas-sejħast u l-appelli għall-għajnuna; ma jistax ma jagħtix is-sehem sħiħ tiegħu fil-ħidma parrokkjali, sew reliġjuża, sew edukattiva u kulturali, sew rikreattiva u sew filantropika.

Għaldaqstant nistennew li l-festa ta' din is-sena għandha tkun għall-Ġorġjani kollha ta' rieda tajba, inċentiv mill-aqwa biex inżommu sħiħa u dinamika l-ħajja fil-Parroċċa billi jieħdu sehem fl-organiżżazzjoni ta' l-attivitajiet, u fl-attivitajiet infushom, li jsiru matul is-sena.

Ħaħħarnett, nawguraw lill-Ġorġjani kollha festa mill-isbaħ u mill-aqwa, b'sehem sħiħ fil-funzjonijiet tal-Knisja, divertiment xieraq fil-festi esterni, u fuq kollox bi qrara sinċiera u Tqarbina devota f'jum l-Għid tal-Patrun għażiż tagħna SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI.

## *Nota mill-Bord Editorjali*

***Il-Bord Editorjali jiddikjara li l-opinjonijiet imxanndra f'din ir-rivista ma jirriflettu bl-ebda mod dawk ta' xi korp kostitwit fi ħdan il-Parroċċa ta' San Ġorġ.***

***L-iskop tagħna huwa li noħolqu djalogu bejn il-membri tal-parroċċa u nagħtu tagħlim ta' siwi, għalhekk ma jiġux aċċettati kitbiet ta' xejra politika jew oħrajn li jistgħu jagħtu lok għal xi polemika.***

## KIF TGĦIN DIN IR-RIVISTA

* **Taqraha**
* **Tgħaddiha lil min ma għandux**
* **Tinforma lid-distributur b'xi ħadd li ma rċivihiex**
* **Tieħu parti fil-kompetizzjonijiet li ser ikollna 'l quddiem**
* **Toffri xi kontribuzzjoni, anki żgħira, għall-ispejjes tar-rivista.**
* **Tixtri mill-ħwienet u mill-oġġetti li qed jiġu reklamati.**
* **Tiktbilna u tagħtina s-suġġerimenti tiegħek biex nagħmlu din ir-rivista dejjem iktar interessanti.**

## MEJLAK JEWELLERY
*24, Republic Street, Victoria. Tel: 551303*
***FOR GOLD, SILVER, WATCHES & GEMS***
***AT THEIR REAL VALUE***
**AN OLD NAME IN THE TRADE**

## MESSAĠĠ TA' L-ISQOF

***Ħafna żgħażagħ – u anke mhux żgħażagħ – f'pajjiżna u barra minn pajjiżna illum qegħdin jistaqsu bis-serjetà jew biex jimbxuna: "Il-Knisja qiegħda tabilħaqq turina 'l-Kristu u tqarribna Lejh, jew qiegħda tbegħidna minnu? Il-kommunitajiet parrokkjali ta' pajjiżna qegħdin jgħożżu u jgħixu l-valuri tal-Vanġelu? Ħafna mill-attivitajiet li twettaq il-Knisja bħal ma huma l-funzjonijiet liturġiċi, il-festi u l-istituzzjonijiet tagħha għadhom jappellaw għall-bnedmin tas-seklu għoxrin jew huma superati u tilfu kull tifsira ġenwina tagħhom?".***

***Dawn ma humiex mistoqsijiet li wieħed jista' jinjorahom jew iħallihom sejrin mar-riħ. Il-membri mpenjati tal-kommunità parrokkjali li jemmnu fil-Knisja u għandhom fiduċja fil-missjoni salvifika tagħha, jeħtieġ li jirriflettu biex isibu l-verità u jiflu sewwa x'valur jista jkun fihom jew ma fihomx id-diffikultajiet li semmejna.***

***Wara li jagħmlu din ir-riflessjoni bil-għaqal jkunu jistgħu jagħtu tweġiba xierqa għad-diffikultajiet li jinqalgħu ta' spiss dwar il-Knisja u l-ħidmiet tagħha fost il-bnedmin. Din it-tweġiba mhix waħda li tingħata darba għal dejjem, iżda jeħtieġ li tiġi aġġornata minn żmien għal żmien u adattata għall-esiġenzi li jinbidlu kontinwament.***

***Dir in-rivista ippublikata ta' kull xahrejn żgur li tkun ta' siwi kbir jekk tipprova ddawwal il-qarrejja dwar il-problemi li semmejna u tieħu l-impenn li twassilhom risposta aġġornata u f'waqta għad-dubbji u għad-diffikultajiet li jiġuhom in konnessjoni mal-ħajja nisranija tagħhom.***

*Nikol G. Cauchi*
*Isqof ta' Għawdex.*

## MESSAĠĠ MILL-ARĊIPRIET

***Fi Frar li għadda fid-Dar 'Stella Maris', iż-Żebbuġ Għawdex żammejna Seminar. Iltqajna flimkien; Arċipriet, bosta saċerdoti, seminaristi, delegati ta' sorijiet u kważi ta' l-għaqdiet kollha fi ħdan il-Parroċċa. Ippresieda Mons. Isqof. L-għan kien biex nistudjaw x'nistgħu nagħmlu iktar u aħjar għall-ġid tal-ħajja parrokkjali. Wieħed mir-riżultati tas-seminar kien il-ħruġ ta' rivista, anke ċkejkna, kull xahar jew xahrejn, biex inżommu kuntatt mal-parruċċani kollha. Nagħtu tagħrif dwar dak kollu li jitwettaq fil-parroċċa, ngħallmu u nedukaw il-ħajja fi ħdan il-parroċċa bi spirtu kumunitarju, u parrokkjali u nwasslu leħinna wkoll lill-emigranti tagħna. Ir-rivista mhix ser tkun l-organu uffiċċjali ta' xi korp kostitwit fi ħdan il-parroċċa. Grupp ta' nies mogħnija d'dehen u responsabilità offrew ruħhom biex jagħtu l-għajnuna tagħhom għall-ġid tal-parroċċa u tal-ħajja parrokkjali. Grazzi ħafna. U Alla jbierek l-intenzjoni tagħhom. Il-bord editorjali għamilha ċara. Ma jaċċettax kitbiet ta' natura politika jew ta' xi forma polemika kienet liema kienet. Dan il-ħsieb u dan il-programm huma garanzija ta' rivista serja u dejjiema. Malfesti ta' San Ġorġ il-qaddis titulari tal-parroċċa, għandna l-ewwel ħarġa. Fil-beraħ u bla biża' nsemmgħu leħinna, infissru l-fehma tagħna, ngħallmu lil min ma jafx, nikkoreġu l-iżbalji fejn hemm bżonn u nagħmlu ftit tal-ġid lilna u lil għajrna. San Ġorġ iberikha din ir-revista u l-imħabba li għandna lejh tħeġġiġna biex nagħtuha ħajja twila, mimlija b'ġid kotran u bnin għall-ħajja ta' kuljum.***

*L-Arċipriet*


ASTRA TOURS

# A.F. ELLIS LTD.
**4, Għajn Qatet Str., Victoria, Gozo.**
Marblers - Floor Tiles Manufacturers,
Suppliers of Domestic Appliances,
Bathroom Suites & All Building Materials.
***Tel: GOZO 556021, 556630 MALTA 42314.***

**FOR ALL SORTS OF SPIRTS SHOP AT**
# THE BOTTLE BANK
*WINE AND SPIRITS CELLARS*
**24, MAIN SQUARE,**
**VICTORIA, GOZO.**

# SAN ĠORĠ 1981 PROGRAMM

**IL-ĦADD 12 TA' LULJU**

8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitlu Ġorġjan.

**IT-TNEJN 13 TA' LULJU : *JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ***

7.00 p.m. Quddiesa Komunitarja minn FR. DAVID AZZOPARDI M.S.S.P.

**IT-TLIETA 14 TA' LULJU: *JUM IT-TFAL***

5.00 p.m. Quddiesa minn Mons. Isqof Nikol Cauchi u Premjazzjoni lit-tfal tad-Duttrina.

7.30 p.m. Ħruġ minn niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ — L-Ewwel statwa titulari t'Għawdex.

**L-ERBGĦA 15 TA' LULJU — *L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - JUM IL-MORDA U L-INKAPAĊITATI***

5.00 p.m. Quddiesa minn Mons. Mikiel Azzopardi għall-Morda li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.

(Matul din il-ġimgħa jsir quddies fid-djar tal-morda li ma jistgħux joħorġu.)

6.30 p.m. Għasar Kantat u Priedka mill-W.R. Patri Ġorġ Aquilina OFM. Wara, Innu, Antifona bil-Mużika u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

9.00 p.m. Dimostrazzjoni minn Pjazza San Franġisk bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel mill-Banda La Stella.

**IL-ĦAMIS 16 TA' LULJU — *IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - JUM L-EMIGRANTI***

8.15 a.m. Quddiesa Kantata.

5.30 p.m. Quddiesa għall-emigranti tal-parroċċa.

6.30 p.m. Fil-Bażilika tinżamm l-istess funzjoni tal-jum ta' qabel.

9.00 p.m. Marċ mill-Banda La Stella.

**IL-ĠIMGĦA 17 TA' LULJU — *L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU***

8.15 a.m. Quddiesa Kantata.

5.30 p.m. Fil-Bażilika tinżamm l-istess funzjoni tal-jumejn ta' qabel.

8.45 p.m. Marċ u programm mill-Banda PREKURSUR tax-Xewkija.

9.00 p.m. Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bis-sehem tal-Banda LA STELLA li żżanżnan sett ta' marċi ġodda u tal-Banda VICTORY tax-Xagħra. Fi Triq ir-Repubblika logħob kbir tan-nar magħmul minn Ninu Farrugia.

**IS-SIBT 18 TA' LULJU — *LEJLET IL-FESTA***

8.15 a.m. Quddiesa Kantata u *'Te Deum'*.

9.30 a.m. Marċ mill-Banda LA STELLA.

6.15 p.m. Marċ mill-Banda LA STELLA biex tilqa' t-Translazzjoni Pontifikali.

6.45 p.m. Wasla ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan li jmexxi Pontifikalment it-Translazzjoni tar-relikwija tal-qaddis.

Wara, Għasar Pontifikali mill-E.T. Mons Isqof assistit mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

8.15 p.m. Programm Mużikali fit-Tokk mill-Filar. KING'S OWN tal-Belt Valletta.

9.00 p.m. Marċ u programm mill-Banda ST. JOSEPH ta' Għajnsielem.

9.15 p.m. Marċ kbir miż-żewġ baned Ċittadini KING'S OWN u LA STELLA.

Fi Triq ir-Repubblika iż-żewġ baned idoqqu l-marċi tagħhom bħala banda waħda.

11.00 p.m. Logħob tan-nar magħmul minn Anton Cilia fi Triq ir-Repubblika.

11.45 p.m. Esekuzzjoni ta' l-innu mmortali 'A San Giorgio' mill-Banda LA STELLA taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joe Vella, B. Mus. (Dunelm), F.L.C.M.

**IL-ĦADD 19 TA' LULJU —*JUM IL-FESTA***

*Il-Ħinijiet tal-Quddies f'jum il-festa jkunu:*

4.00 a.m., 5.00 a.m., 6.00 a.m., 7.00 a.m., 8.00 a.m., 9.00 a.m., 11.00 a.m., 12.00 a.m., 1.00 p.m., 4.00 p.m., 5.00 p.m.

8.00 a.m. Marċi mill-Filar. KING'S OWN.

8.30 a.m. Wasla ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi u tal-Kapitlu Ġorġjan.

8.45 a.m. Kant ta' Terza.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi u Paniġierku mill-W.R. Patri Profs. Eġidju Mizzi O.F.M. Conv.

11.00 a.m. Marċ Brijuż mill-Filar. KING' OWN tal-Belt Valletta u l-Banda SAN ĠORĠ ta' Ħal QORMI.

2.00 p.m. Xandir ta' sett ta' marċi ġodda mill-Banda LA STELLA fuq Cable Radio.

3.30 p.m. Tiġrijiet kbar tal-bhejjem fi Triq ir-Repubblika.

6.30 p.m. Marċi mill-Baned KONTI RUGGIERU tar-Rabat Malta u VICTORY tax-Xagħra li wara jesegwixxu programmi fit-Tokk.

Għasar Solenni bil-Mużika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

| | |
|---|---|
| 7.30 p.m. | Tibda ħierġa l-purċissjoni Pontifikali. Il-Banda LA STELLA ddoqq fi Pjazza San Ġorġ l-innu *"A SAN GIORGIO"*. |
| 8.00 p.m. | Tibda timmarċja il-purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi bis-sehem tal-Kapitlu Ġorġjan u l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-Banda LA STELLA. |
| 8.00 p.m. | Programm Mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Banda MNARJA tan-Nadur. |
| 10.00 p.m. | Dħul trijonfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika. |
| 10.30 p.m. | Marċ Brijuż mill-banda LA STELLA. |

***N.B.*** *Għall-kumdità tal-Maltin l-M.V. Melitaland ser jagħmel trip extra mill-Imġarr għaċ-Ċirkewwa. Jitlaq mill-Imġarr fl-11.00 p.m. Biljetti għal dan it-trip speċjali jinkisbu mill-Każin LA STELLA u minn ħdejn il-Vapur.*

# IL-PARROĊĊA TAGĦNA

# JIKTBILNA

## IR-REV. L-KAN. V. CILIA

**Arċipriet ta' Bormla.**

Parroċċa tipikament Maltija jew Għawdxija hija xi ħaġa komplessa ħafna u meta tgħid Parroċċa mhux kulħadd jifhem l-istess ħaġa. Hawn min jifhem il-Parroċċa bħala territorju jiġifieri fejn tibda u fejn tispiċċa u sa fejn jaslu il-limiti tagħha, oħrajn jifhmu l-Knisja Parrokkjali jew aħjar dawk id-drawwiet ta' folklor, ċelebrazjonijiet ta' festi, drawwiet partikolari li ssibhom f'dik il-Parroċċa u mhux fl-oħra, jew hawn nies li b'Parroċċa jifmhu in-nies li jkunu l-aktar midħla tal-knisja għaliex jarmaw għall-festi jew ikunu attivi fil-ħajja Parrokkjali. Hekk meta ngħidu Parroċċa ma nifhmux l-istess ħaġa.

Il-Parroċċa tagħna tfisser il-Familja tagħna. Familja hija għaqda u qiegħda għall-ġid tagħna lkoll- Huwa veru li familja għandha ħafna ħtiġijiet u qabel kollox dar, fejn tingabar u tgħix, tiekol u tistrieħ, taħseb u tiddjaloga. Xi kultant jinqala' tilwim iżda l-ġid ta' kull membru huwa tant għall-qalb ta' kulħadd li malajr jinstabu triqat ta' ftehim mill-ġdid, hekk li kull nuqqas ta' qbil iwassal għal komprensjoni aktar ta' xulxin. Dan għaliex ħemm tieda tajba.

Din ir-rieda tajba tagħna bħala parruċċani, twassalna biex naħsbu f'xulxin imma f'sens tajjeb għaliex faċli li taħseb f'ħaddieħor ifisser li tilħaq salib ħaddieħor, trid tkun taf kollox għall-kurżita jew biex ma jaħrablek xejn. Taħseb fl-oħrajn bħala parroċċa tfisser tagħmel tiegħek il-kliem ta' San Pawl "Ifirħu ma' min ikun ferħan u ibku ma' min jibki" — ma' min fil-Parroċċa qed ibati minħabba l-mard, l-għaja, sfortuna, firda tal-mewt jew kull nuqqas ieħor li ma nistax nagħmilha ta' trux.

Lil min mietlu xi ħadd għażiż, wisq aktar jekk qasir il-għomor jew f'xi diżgrazzja, ma għandhiex tkun għalija sempliċiment aħbar li taqta' kurżità, iżda nbati miegħu għaliex huwa membru fil-familja Parrokkjali tiegħi. Minbarra dan nifraħ minn qalbi meta xi ħadd mill-Kommunità Parrokkjali tagħna għadda minn esperjenza sabiħa għaliex kellu tarbija b'wiċċ il-ġid wara ħafna żmien,

Lil min mietlu xi ħadd għażiż, wisq aktar jekk qasir il-għomor jew f'xi diżgrazzja, ma għandhiex tkun għalija sempliċiment aħbar li taqta' kurżità, iżda nbati miegħu għaliex huwa membru fil-familja Parrokkjali tiegħi. Minbarra dan nifraħ minn qalbi meta xi ħadd mill-

Kommunità Parrokkjali tagħna għadda minn esperjenza sabiħa għaliex kellu tarbija b'wiċċ il-ġid wara ħafna żmien, jew kellu xi suċċess f'ħajtu.

Il-Parroċċa tagħna hija knisja fiċ-ċokon fis-sens li kulma jinteressa lil-Knisja Universali, ix-xewqat, it-taħbit, l-ansjetà, il-biża', il-preokkupazjoni, is-sens ta' valur, il-prijoritajiet tal-knisja kollha għandhom ikunu l-istess fil-Kommunità Parrokkjali tal-Parroċċa tagħna.

Aħna għandna inħabirku biex il-Parroċċa tagħna tikber, mhux fis-sens numeriku biss jiġifieri li jkollna aktar Insara mgħammdin fil-Parroċċa tagħna, iżda fis-sens li nwessgħu aktar u nkabbru iżjed il-fidi tagħna bħala Kommunità Parrokkjali. Il-fidi tittieħed minn xulxin meta nara lil min jitlob bil-ħerqa, lil min jieħu sehem fil-Quddiesa bil-ħeġġa, lil min jitlob b'devozzjoni, lil min jiddedika ruħu għall-Apostolat u għemejjel tajba (mhux imqanqal fil-fehma li jidher, tgħaddi tiegħu jew jissemma, iżda biss għal wiċċ Alla). Dan żgur jimpressjonana tajjeb u jqanqalna nitolbu aktar. Hekk tikber il-Fidi tal-Parroċċa.

In-Nisrani mhux dak li jemmen biss, iżda dak li jipprattika kull ma jemmen. Il-Kommunità Parrokkjali ma tinbeniex biss bil-Fidi iżda fuq kollox mill-Imħabba ta' xulxin. Il-Mulej wissiena "Minn dan tingħarfu li intom dixxipoli tiegħi jekk tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jiena". L-imħabba li tibni l-Kommunità Parrokkjali hija ħafna aktar mill-ġibda ta' persuna lejn oħra, ma tfissirx biss li tgħin f'opri ta' karità u aħna nies ġenerużi u nħobbu nagħtu ħafna u naqsmu ma' ħutna dak li Alla jipprovdielna.

***For all plain paper copying***
***Call at***

**RANK XEROX GOZO**

***Kennedy Square, Victoria, Gozo.***
***(opposite Lyceum)***

*Business hrs: 8.00 – 12.30; 3.00 – 6.30;*
*Saturdays: 8.00 – 12.00.*

L-Imħabba li tibni l-Kommunità Parrokkjali hija dik li naraw lil Kristu fl-oħrajn kollha, ukoll min ma' jaqbilx magħna, mhux tal-istess partit, xi darba naqasni wkoll bil-kbir. Meta nkunu bnejna Parroċċa f'dan il-mod, jibda jinħass fina s-sens ta' Kommunità u Kristu jkun preżenti tabilħaqq f'nofsna bħala Parroċċa. Hekk meta niltaqgħu flimkien biex niċċelebraw il-Liturġija ta' nhar ta' Ħadd, tal-Festi ewlenin tal-Mulej u tal-Festa titulari tagħna, inkunu niċċelebraw tabilħaqq ċelebrazzjoni ta' Fidi u mhux biss bi drawwa jew rabta ma' pajjiżna.

Dan irridu nilħquh? Żgur li iva. Ibda inti li qed taqra, l-aktar jekk intom miżżewġin insara, jew aktar impenjati fil-Parroċċa jew għandek xi responsabbiltà u b'hekk tista' tinfluwenza għat-tajjeb lill-oħrajn.

## AVVIŻ LILL-MORDA

Dawk il-morda li ma jistgħux joħorġu u jixtiequ li matul il-ġimgħa tal-festa jkollhom quddiesa f'darhom għandhom jikkuntatjaw lil Mons. Arċipriet jew lil Dun Feliċ Tabone kemm jista' jkun kmieni.



## NILTAQGĦU NHAR

### LULJU:

**Il-Ġimgħa: 3 ta' Lulju.** L-ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Espożizzjoni solenni.
**Is-Sibt: 4 ta' Lulju.** L-Ewwel Sibt tax-Xahar.
**It-Tnejn: 6 ta' Lulju.** Festa ta' Santa Marija Goretti.
**Il-Ġimgħa: 10 ta' Lulju.** Bidu tan-Novena bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ.
**Il-Ħadd: 12 ta' Lulju.** Ftuħ tal-Festi f'ġieħ San Ġorġ. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.

***Nota:*** *Għall-kumplament tal-programm tal-Festa ta' San Ġorġ ara paġna 4.*

### AWISSU:

**Is-Sibt: 1 ta' Awissu.** L-Ewwel Sibt tax-Xahar.
**Il-Ħamis: 6 ta' Awissu.** Festa tat-Transfigurazzjoni tal-Mulej (is-Salvatur). Fis-7.00 p.m. Pontifikali Konċelebrazzjoni mmexxija minn L.E.T. Mons. N. Cauchi, Isqof t'Għawdex.
**Il-Ġimgħa: 7 ta' Awissu.** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.
**Is-Sibt: 15 ta' Awissu.** Solennità tat-Tlugħ is-Sema tal-Imqaddsa Verġni Marija. Festa Kmandata. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.
**It-Tlieta: 18 ta' Awissu:** Festa ta' Sant Elena, Awgusta Imperatriċi.

## IL-BANDA 'LA STELLA' MISTIEDNA GĦAL TLIET FESTI F'MALTA.

Il-Banda Ċittadina 'LA STELLA' aċċettat tliet stediniet biex tkabbar bis-sehem tagħha tliet festi popolari f'Malta matul dan l-istaġun. Dawn huma:

* **IL-FESTA TA' SAN ĠORĠ F'ĦAL QORMI** — Nhar il-Ħadd 28 ta' Ġunju 1981 fejn il-Banda ser tagħmel marċ u programm.
* **IL-FESTA TA' SAN DUMINKU FIL-BELT VALLETTA** — fejn il-Banda ser tagħmel marċ, u programm fi Pjazza Reġina nhar is-sibt 1 ta' Awissu 1981.
* **IL-FESTA TA' SANT' ELENA F'BIRKIRKARA** — nhar il-Ħadd 23 ta' Awissu 1981 fejn il-Banda tagħna tagħmel marċ u programm.

*Għall-partitarji biex dawk li jixtiequ jingħaqdu mal-Banda "La Stella" f'dawn il-festi jkollhom iċ-ċans jirritornaw lejn Għawdex dik il-lejla stess.*

## NIFIRĦU..........

**Lill-KAN. ON. DUN ĠUŻEPP BORG** li ftit ilu ngħata l-midalja *CANADIAN FORCES DECORATION* għal tnax-il sena servizz meritevoli fil-Forzi Armati Kanadiżi.

**Lil DUN EFFIE MASINI** u lil **DUN JIMMY XERRI** li huma ż-żewġ saċerdoti ġodda għal din is-sena minn Għawdex, it-tnejn mill-Parroċċa tagħna.

**Lil ĠORĠ FRENDO** li din is-sena wkoll jiġi ordnat *DJAKNU.*

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA



| | |
|---|---|
| 12.10.80 | *EDWINA, bint Pawlu -Vella u Marija neè Cini.* |
| 9.11.80 | *ROBERTO, iben Carmelo Vella u Carmela neè Farrugia.* |
| 12.11.80 | *ROBERT, iben Joe Cremona u Marija neè Vella.* |
| 23.11.80 | *ROBERTO, iben Anthony Sacco u Giorgia neè Xerri.* |
| 30.12.80 | *ALEXIA, bint Anton Attard u Nicholina neè Schembri.* |
| 11. 1.81 | *MARIO, iben Carmel Saliba u Jane neè Micallef.* |
| 18. 1.81 | *VANESSA, bint Joseph Bajada u Jane neè Magro.* |
| 25. 1.81 | *NEVILLE, iben Anthony Portelli u Giovanna neè Cassar.* |
| 5. 2.81 | *MAXIMILLIAN, iben Paul Zammit u Celestina neè Scicluna.* |
| 8. 2.81 | *ANTONELLA bint Dominic Formosa u Mary Jane neè Vella.* |
| 15. 2.81 | *STEPHAN U REUBEN wlied Emmanuel Grech u Margaret neè Grima.* |
| 15. 2.81 | *MARIJA bint Carmel Micallef u Pauline neè Cauchi.* |
| 15. 2.81 | *CHARMAINE bint Joseph Cassar u M'Ann neè Gatt.* |
| 21. 3.81 | *ĠORĠ iben Louis Vella u Jane neè Galea.* |
| 22. 3.81 | *CLAIRE bint Peter Theuma u Doris neè Ellis.* |
| 29. 3.81 | *GEORGE iben Joseph Apap u Doris neè Farrugia.* |
| 4. 4.81 | *JESAHEL bint Joseph Bezzina u Josephine neè Micallef.* |
| 5. 4.81 | *TONIA, bint George Gatt u Loreta neè Buttigieg.* |
| 2. 5.81 | *ĠORĠ iben Emmanuel Camilleri u Margaret Rose neè Calleja.* |
| 26. 5.81 | *JOSEPH iben George Farrugia u Carmela Pace.* |

**MERĦBA BIHOM**

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI



**NIFIRĦULHOM**

| | |
|---|---|
| *George Axiaq ma' Antonia Cassar* | 26.10.80 |
| *Twanny Mizzi ma' Lina Formosa* | 1.11.80 |
| *Josephine Attard u Eugenio Mizzi* | 29.11.80 |
| *Franġisku Saverju Mercieca ma' Marija Dolores Apap* | 10. 1.81 |
| *Mario Casha ma' Marija Cauchi* | 7. 3.81 |
| *Myriam Zammit ma' Teddy Cauchi* | 15. 3.81 |
| *Ġorġina Tabone ma' Francis Tabone* | 25. 4.81 |

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ



| | |
|---|---|
| 21.11.81 | *Ġużeppi Bartolo* |
| 8.12.80 | *George Camilleri* |
| 20.12.80 | *Antonio Sacco* |
| 9. 1.81 | *Marija Cassar* |
| 29. 1.81 | *Ġorġ Theuma* |
| 10. 2.81 | *Melchiorre Cassar* |
| 11. 2.81 | *Ġużepp Farrugia* |
| 15. 2.81 | *Virginia Frendo* |
| 7. 3.81 | *Ġużeppa Gatt* |
| 15. 3.81 | *Ġużeppi Xerri* |
| 28. 3.81 | *Regina Mizzi* |
| 14. 4.81 | *Ludovina Buttigieg* |
| 16. 4.81 | *Ġużepp Grech* |

**NITOLBU GĦAL RUĦHOM**

*Nota:* Dawn huma l-Magħmudijiet, Żwieġijiet u Mwiet mill-aħħar ħarġa tal-'Yearbook' sa l-aħħar ta' Mejju

# PROĠETTI KBAR MIS-SOĊJETÀ 'LA STELLA'



Is-Soċjetà Filarmonika LA STELLA bħalissa qiegħda taħseb biex ittella' erba' proġetti kbar. Dawn huma l-bini ta' Ballroom mill-isbaħ, estensjoni tal-palk tat-Teatru Astra, Foyer ieħor mal-Bar u Każin ġdid (flok dak antik) b'faċċata mill-iktar imponenti.

**BALL-ROOM MAESTUŻA**

Fit-23 ta' Diċembru 1977, is-Soċjetà La Stella meddet l-ewwel pass meta tat bidu għall-proġett tal-ikbar Ball-Room f'Għawdex.

Bħala kuntrattur ta' din il-biċċa xogħol kbira intgħażel Joseph Attard mix-Xewkija. Il-pjanti saru mid-Ditta Studio Portelli tal-Furjana waqt li d-Ditta Raniolo & Bencini tal-Belt Valletta intgħażlet għall-konsultazzjonijiet tekniċi.

Il-Ball Room hi mibnija forma ta' torri biex arkitettonikament takkumpanja l-ambjent taċ-Ċittadella, li tinsab biswitha. Dawra mejt magħha għandha Belvedere li minnu wieħed jifrex ħarstu fuq xi wħud mill-isbaħ postijiet ta' gżiritna.

Taħt il-Ball Room inbnew għadd ta' ħwienet bil-ħsieb li jinbiegħu jew jinkrew waqt li xi wħud minnhom jiġu konvertiti f'Restaurant kbir.

**IL-PALK TAT-TEATRU**

Minbarra l-binja tal-Ball Room, tkabbar il-palk tat-Teatru Astru u żdiedu għadd ġmielu ta' Dressing Rooms. Il-palk tat-Teatru Astra issa sar l-ikbar palk fil-gżejjer Maltin, ikkumplimentat b'kuriduri spazjużi dawra mejt u mgħammar b'apparat sofistikat ta' dawl li ġġieb direttament mill-Ingilterra fuq parir ta' Mr. Lynch Robinson F.R.I.B.A.

**FOYER MAL-BAR**

Wara trattattivi twal, il-Kumitat irnexxielu jakkwista wkoll parti mill-ġnien tal-aħwa Galea, ulied il-mejjet President tal-Banda, Dr. Carmelo Galea. Permezz ta' dan l-akkwist f'inqas minn sena l-Foyer tat-Teatru twessa' d-doppju u ser joffri entratura għal Foyer ieħor li jwassal għall-Ball Room.

**KAŻIN B'FAĊĊATA IMPONENTI**

Biex jinkoruna din il-ħidma kbira ta' żvilupp f'Settembru 1980 inbena x-xogħol ta' bini fuq faċċata imponenti ta' stil klassiku għall-Każin u t-Teatru. Dan ix-xogħol delikat ġie fdat fl-idejn esperti ta' l-imgħallem Joseph Vella mix-Xewkija.

Meta titlesta din l-aħħar parti fost l-erba' proġetti li ndaħal għalihom il-Kumitat ħabrieki tas-Soċjetà La Stella, inkunu nistgħu ngħidu bla tlaqliq li min irid tabilħaqq il-monument tad-diriġenti tal-Banda La Stella, m'għandux ħlief jieqaf u jammira dak kollu mtella' madwaru għaliex dan kollu juri fiċ-ċar b'liema entużjażmu u serjetà miexja 'l quddiem l-eqdem għaqda mużikali mwaqqfa f'Għawdex — is-Soċjetà Filarmonika LA STELLA.


# A.V. BARTOLI & SONS LTD.

*THE NAME FOR ALL YOUR TRAVEL AND INSURANCE REQUIREMENTS*

Air, Sea & Rail Tickets, Air Freight & Sea Freight, Shipping & Forwarding

*Insurance:*

Travel, Motor, Factories, Shops, Burglary, Fire & Personal Belongings.

***A.V. BARTOLI & SONS LTD.,***
***NEW BUILDING, REPUBLIC STREET,***
***VICTORIA - GOZO. TEL: 556446.***




A. & M. PRINTING LTD., QALA, GOZO. Tel: 551488, 556071.